TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 129/17-F

**Daniela Borg u Aaron Scicluna**

**vs**

**Immagine Casa**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Lulju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li kien hemm fl-għamara u fil-fittings li xtraw mingħand Immagine Casa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw diversi affarijiet mingħand is-soċjeta' ntimata, fosthom kċina, u li kien hemm diversi nuqqasijiet illi t-Tribunal ħa konjizzjoni tagħhom.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata m'attendietx għal diversi seduti sabiex tikkontesta t-talba minkejja li kienet għamlet risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888